**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 1/2017**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Glen Debattista**

Illum, 30 ta' Marzu, 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Glen Debattista, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 565359M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

1. Bejn ix-xahar ta' Marzu u x-xahar ta' April 2008, minn ġewwa l-istores tal-kumpanija Ceramart li jinsabu ġewwa l-Crafts Village Ta' Qali, ikkometta serq ta' diversi oġġetti, liema serq huwa aggravat bl-ammont li jeċċedi €2,329.37 u bil-mezz u dan għad-detriment ta' Joan Haber u/jew persuna/i oħra;
2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsarat huma ta' anqas minn €116.47, għad-dannu ta' Joan Haber u/jew persuna/i oħra;

Illi, l-imputat Glen Debattista kien ukoll akkużat li sar reċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-20 ta' Diċembru 2016, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Liġi u ċioe l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 261(b)(c), 263(a), 267, 278, 279(b), 280, 289, 325(1)(c) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Glen Debattista ħati tal-akkuża ta' serq sempliċi u tal-addebitu tar-reċidiva u kkundannatu għal perijodu ta' priġunerija ta' tmien xhur, filwaqt li ma sabitux ħati tal-akkużi l-oħra u lliberatu minnhom. Ukoll il-Qorti għamlet rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jieħu konjizzjoni tar-rapport tal-Psikjatra Dr Mark Xuereb u jagħti l-għajnuna medika lill-imputat f'kaz li jkollu talba mill-istess imputat f'dan ir-rigward.

Rat ir-rikors tal-appellant Glen Debattista, ippreżentat fit-30 ta' Diċembru 2016, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

(a) Tirrevokaha u tħassarha f'dik il-parti fejn l-appellant ġie kkundanat għall-perijodu ta' priġunerija ta' tmien (8) xhur. Qed jiġi sottomess ukoll illi l-Qorti m'hijiex prekluza milli tapplika d-dispost ta' l-Artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali għar-rigward tal-akkużi *de quo* u b'hekk il-Qorti qegħdha umilment tintalab sabiex tapplika dan id-dispost tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari ta' l-appellant.
(b) Tikkonfermaha fil-bqija.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-appell minnu ntentat l-appellant ma jikkontestax is-sejbien ta' ħtija mill-Ewwel Qorti għar-reat tas-serq sempliċi, iżda qiegħed jitlob il-klemenza tal-Qorti sabiex timponi piena aktar miti tenut kont ukoll tal-ammissjoni minnu rreġistrata, u jekk ikun il-każ tapplika favur tiegħu dak dispost fl-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi l-Qorti mal-ewwel tibda' billi tgħid illi minn ezami akkurat tal-atti proċesswali, ma jirriżultax li huwa minnu dak li jsostni l-appellant fir-rikors tiegħu tal-appell u ċioe' illi, f'xi stadju ta' dawn il-proċeduri, huwa ammetta għall-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u għaldaqstant dina r-raġuni miġjuba 'il quddiem minnu, li fil-fehma tiegħu tintolah għall-temperament fil-piena, ċertament li ma treġix.

Illi, *in oltre*, ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".[1]

Illi huwa indubitat illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' tmien xhur priġunerija, meta din sabitu ħati u reċidiv tar-reat tas-serq sempliċi, għalkemm mhijiex fil-minimu tagħha, kienet waħda li tinkwadra ruħha fil-parametri tal-Liġi, bl-artikolu 285 tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla il-piena tal-priġunerija għar-reat tas-serq sempliċi minn xahar sa sitt xhur, b'din il-piena madanakollu trid tiżdied bi grad minħabba fl-addebitu ta' reċidiva. Illi huwa evidenti ukoll illi l-Ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni il-fedina penali voluminuza tal-appellant, kif ukoll il-fatt li għalkemm huwa ingħata diversi opportunitajiet sabiex jirriforma ruħu matul ħajtu, baqa' jippersisti fit-triq tal-kriminalita', anka meta kien qed jaffaċja problemi familjari serji.

Illi l-appellant jitlob lil Qorti tapplika favur tiegħu dak dispost fl-Artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali, li jaqra:

> **Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 492, il-qorti tista', <u>għal raġunijiet speċjali u straordinarji</u> li għandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza, tagħti dik il-piena iżgħar li, fid-diskrezzjoni tagħha, tkun tixraq, għad illi jkun hemm stabbilit l-anqas piena fl-artikolu li jsemmi dak ir-reat jew taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 20, mingħajr ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7. (enfazi tal-Qorti)**

Illi ibda biex l-appellant ma jindikax fir-rikors tal-appell x'jistgħu jkunu dawn ir-raġunijiet speċjali u straordinarji li qed jallega li jeżistu sabiex huwa jibbenifika minn

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

temperament fil-piena mposta fuqu. Ħarsa ħafifa lejn il-fedina penali tal-appellant turi kjarament li huwa ppersista fit-triq tal-kriminalita' u kompla jxellef difrejh mal-ġustizzja b'mod ripetut. Dana ċertament ma jirrendihx vittma ta' xi ċirkostanzi speċjali u straordinarji. Ukoll, il-fatt li huwa qed jagħmel tajjeb mall-vittma tar-reat għall-ħsara minnu kaġjonata, għalkemm tista' twassal għal riduzjoni fil-piena, madanakollu dan il-fatt ma jistax jitqies bħala raġuni speċjali u straordinarja li tintitolah jibbenefika mill-Artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali, u dana hekk kif dispost fl-Artikolu 337(5) tal-Kodiċi Kriminali -

> **"... (2) Fil-każ ta' serq, sew jekk sempliċi sew ikkwalifikat, kif ukoll reat ta' ħsara volontarja lil proprjetà li jsir filwaqt li jkun qed isir ir-reat ta' serq, il-piena stabbilita titnaqqas b'żewġ gradi kemm-il darba, qabel ma jitressaq quddiem il-qorti f'konnessjoni ma' dak is-serq:**
>
> **(a) il-ħati jikxef lill-awtorità kompetenti kull persuna li setgħet laqgħet għandha jew xtrat mingħandu, jew li setgħet hadet sehem fil-bejgħ jew tmexxija tal-proprjetà misruqa; u**
>
> **(b) (i) jew jikkonsenja lill-awtorità kompetenti l- proprjetà kollha misruqa minnu, u jrodd lill-offiż kull ħsara li setgħet tkun ġiet ikkaġunata lill-proprjetà, jew**
>
> **(ii) fil-każ li l-proprjetà ma tkunx inġabret lura, ihallas lill-offiż il-valur sħiħ tal-proprjetà hekk misruqa; u**
>
> **(ċ) irodd għal kollox lill-offiż kull ħsara, lil proprjetà mobbli jew immobbli oħra, kkaġunata bir-reat ta' serq jew filwaqt li jkun qed isir ir-reat ta' serq.**
>
> **...**
>
> **(5) Iċ-ċirkostanzi msemmija fis-subartikoli (1) u (2) ma għandhomx jitqiesu bħala raġunijiet speċjali jew straordinarji għall-finijiet tal-artikolu 21."**

Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li l-Artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali ma jsibx applikazzjoni għal dan il-każ.

Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, madanakollu l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi l-appellant tul il-mori ta' dan l-appell għamel l-almu tiegħu biex jirrisarċixxi il-vittma tar-reat tal-ħsara minnu kaġjonata, tant illi sar ftehim biex huwa jħallas l-ammont dovut f'pagamenti mensili, liema pagamenti jidher li bdew isiru, għalkemm dan sar 'il fuq minn ghaxar snin wara l-kummissjoni tar-reat. Illi mill-atti fil-fatt jirriżulta illi l-appellant beda jħallas lil parti offiża d-danni minnu kaġjonati u dan skont ftehim milħuq fl-24 ta' Novembru 2020 bejnu u bejn il-parti offiża Joan Haber għan-nom ta'

Alka Ceramics Limied, liema danni laħħqu l-ammont ta' €3493.50. Illi għaldaqstant għal dawn il-motivi u fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 337(5) tal-Kodiċi Kriminali hemm lok għal temperament fil-piena.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell interpost, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata, tikkonfermaha fejn din sabet lill-appellant ħati tal-akkuża ta' serq sempliċi u tal-addebitu tar-reċidiva, tgħaddi biex tirriforma l-piena inflitta u tikkundanna lill-appellant għal perijodu ta' tlett xhur priġunerija.**

**(ft) Imhallef**

**Vera Kopja**

**Deputat Registratur**